# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana

***Il-Ħadd, 1 ta' Marzu 2026***

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Quddies il-Ħadd** | 6.30am, 8.30am, 10.30am, 4.30pm | **Uffiċċju** | 196, Triq tal-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026 *b'appuntament* |
| **Quddies tul il-ġimgħa** | 7.00am, 11.30am (barra s-Sibt), 6.00pm | **Telefon** | 21556097 (uffiċċju) \| 79093699 (kappillan) |
| **Adorazzjoni fis-skiet** | Il-Ġimgħa, 7.30am-11.30am | **Radju** | Radju Sacro Cuor 105.2FM |
| **Paġna *Facebook*** | 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana' | **Imejl** | fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com |

## WASLET IL-ĠIMGĦA TAL-EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD U ANKE GĦAT-TFAL!

Postna għandu jkun fil-knisja, kuljum minn għada t-Tnejn sal-Ġimgħa, għall-quddiesa tas-6.00pm u għall-**prietka għall-adulti** eżatt wara. Ser jipprietka Mons Joseph Sultana, eks arċipriet tal-Katidral, segretarju pastorali tad-djoċesi u espert tal-Iskrittura.

Biex il-ġenituri u n-nanniet ikunu jistgħu jieħdu sehem, fl-istess ħin ser ikun hemm Patri Etienne Gilson imexxi **l-prietki għat-tfal**, fis-sala parrokkjali. Għada u pitgħada ma jkollniex katekiżmu.

Nhar il-Ħamis, waqt il-prietka, ser issir **il-ġabra annwali ta' karità lejn is-Seminarju Maġġuri tagħna** li qed jifforma s-saċerdoti u l-kappillani ta' għada. Inkunu ġenerużi.

*Il-Qalb ta' Ġesù tberikkom u Sant'Andrija jħariskom. Il-Kappillan.*

## L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

**Il-jum li ried Kristu nnifsu f'ġieħ Qalbu**



| | |
|---|---|
| Quddies | 7.00am, 11.30am, 6.00pm |
| Adorazzjoni | 7.30-11.30am; 4.00-6.00pm |
| Talb animat | 8.30-10.00am (Leġjun u AK) |
| 11.15am | Via Sagra |
| 5.30pm | Rużarju, Via Sagra u Barka |
| 6.00pm | Quddiesa u l-prietka tal-eżerċizzi. |
| *Filgħodu* | *Isir it-tqarbin fid-djar tas-soltu .* |
| *Filgħaxija* | *Ma ssirx is-Siegħa tal-Ħniena Divina* |

## Il-purċissjoni-pageant tal-Passjoni f'Jum id-Duluri



Min jixtieq jieħu sehem bħala persunaġġ jew iġorr il-ktajjen jikkuntattja lil Charlie Micallef - 79617952. It-tfal jew ġenituri jġibu lura fis-sagristija l-formla li tajnihom fil-katekiżmu. Il-ġenituri tat-tfal li ma jiġux katekiżmu fil-Parroċċa, jistgħu jiġbru formla f'dawn il-jiem mis-sagristija.

**"Kristu jħabbat" lil kull dar.** Is-Sibt li ġej, għat-3.00pm ser niġu nqassmu l-immaġnijiet, b'rigal mid-djoċesi lil kull familja, f'dawn it-toroq: **Santa Dminka, San Martin, Wied Siekel, Kardinal Alessandro Franchi, Għajn Tuta, Wara l-Idjar, Ta' Mulejja, John Gaspard Le Marchant, Mons Mikiel Buttigieg.**

**Illum il-Ħadd,** it-tfal jinġabru mal-familji tagħhom għall-Quddiesa tal-10.30am.

**Coffee morning** il-Ħamis li ġej, fid-9.00am fis-sala. Nibdew fil-ħin biex inlestu għall-quddiesa tal-11.30am. Trasport ipprovdut mill-Kunsill Lokali fid-8.45am minn Triq Kard. A. Franchi. Qed inkunu grupp sabiħ! Ingħaqdu magħna.

**Nitolbu** għal ruħ **Ġanni Gatt**, mill-Parroċċa tagħna, li ħalla din id-dinja xi jiem ilu. Il-Mulej jgħannqu għal dejjem ma' Qalbu.

**Providenza.** Inġabru **€746.79** *għall-karità tal-Papa;* NN **€20** u NN **€20** *għall-ostji/inbid;* NN **€50** *b'ħajr lill-Qalb ta' Ġesù;* Fam. Micallef **€100** *għall-knisja* b'talb ta' suffraġju għal ruħ l-għażiż tagħhom George Micallef. Grazzi mill-qalb.



## SEJĦA GĦAL BENEFATTURI TAD-DISA' ĠIMGĦAT

**€45** li tinkludi l-offerta għall-intenzjoni tal-quddiesa tas-7.00am. Tkun qed tgħin fl-ispejjeż tal-organista u kanturi fil-quddiesa ta' filgħaxija tal-Ġimgħat.

**€45** li tinkludi l-offerta għall-quddiesa tas-7.00pm. Tkun qed tgħin fl-ispejjeż tal-predikatur.

**€50** għall-fjuri. L-ismijiet tal-benefatturi jinktibu fuq il-bullettin u jsir talb għalihom fil-quddiesa tas-7.00pm. *Jista' jkun hemm iktar minn għotja waħda għal kull Ġimgħa.*

**€20** li tinkludi l-offerta għall-intenzjoni tal-aħħar quddiesa tal-ġurnata. *Din is-sena, jista' jkun hemm iktar minn intenzjoni waħda.* Tkun tgħin fl-ispejjeż tad-dawl u tax-xemgħa. **Inkitbu fis-sagristija.**

**Intenzjonijiet tal-Quddies tal-ġurnata**

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 2** | Fam. Spiteri u Carmel Curmi (l) |
| **It-Tlieta 3** | Francis, Esther, Joe Sultana |
| **L-Erbgħa 4** | Karmnu, Marija Portelli u fam. |
| **Il-Ħamis 5** | Carmela, Angelo u fam. Mercieca-Buttigieg |
| **Il-Ġimgħa 6** | Joseph Curmi |
| **Is-Sibt 7** | Alfred Buttigieg, George u Mary Attard |
| **Il-Ħadd 8** | Karmnu, Maria, Anna, Loreto Saliba |

***Intenzjonijiet tal-11.30am***

*Karmnu Muscat u Ċikku Cutajar*
*Maria Antonia u Salvu Calleja*
*Anthony Schembri*
*Salvu, Vanġela u Maria Refalo*
*Ġużeppi, Rita Magro u fam.*
---
***10.30am:** għall-poplu tagħna*